*Il-Knisja f'Malta llum:*

# KOMUNJONI PARTEĊIPAZZJONI MISSJONI

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

# Introduzzjoni għat-tema

*Fr André Zaffarese,*
*Vigarju Episkopali għall-Kordinament Pastorali*

*Il-Knisja f'Malta llum:*

# KOMUNJONI
# PARTEĊIPAZZJONI
# MISSJONI

- *stedina spiritwali*
- *min irridu nkunu bħala Knisja*

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Dawn it-temi kienu diġà ***tqegħdu fiċ-ċentru tal-ħajja*** tad-djoċesi għażiża tagħna.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

1. Din kienet *id-direzzjoni mgħotija mis-Santa Sede,*
2. *Wara diversi proċessi ta' smigħ,* fosthom numru ta' studji, u l-proċess li d-djoċesi kienet għamlet bi preparazzjoni għas-Sinodu tal-Isqfijiet fl-2022,

3. U wara, li wieħed *jaqra s-sinjali taż-żminijiet* fil-Knisja f'Malta illum primarjament r-realtà ta:

i. *Nuqqas ta' saċerdoti* u sostenibbiltà tal-mudell ta' Knisja li nħaddnu bħalissa

ii. *Tibdil fil-kultura*

iii. *Influss* ta' numru sostanzjali *ta' kattoliċi barranin*

It-tema tas-sinodalita' li tinġabar fit-tliet kwalitajiet: Komunjoni, Parteċipazzjoni u Missjoni, ikkonverġiet bejniethom.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Is-Sinodalita' li tfisser komunjoni, parteċipazzjoni u missjoni, hija qabel xejn *attitudni tkun tidher b'mod konkret fi proġetti u strutturi partikolari.*

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Dan jitlob:

***Konverżjoni***

***Tibdil***

***Formazzjoni***

## *Fil-Knisja f'Malta hemm ħidma għaddejja biex inħaddnu dawn il-prinċipji.*

Hemm xi jsir biex dawn il-valuri ngħixuhom aħjar u b'mod aktar awtentiku fil-ħajja tal-Knisja f'Malta, fil-kultura tal-lum – li hi differenti minn dik li fiha l-istrutturi ta' sinodalità f'Malta ġew introdotti.

Ħsibna li hi l-kultura li trid tinbidel biex dawn jibqgħu effiċjenti, u mhux li *aħna naġġornaw biex nirrispondu għar-realtajiet tal-lum.*

*Sistemi pastorali jridu kontinwament jiġu riformati* għax ir-relevanza u l-effiċjenza tagħhom hi *marbutha ma kemm huma relevanti*, mifhuma u jistgħu jiġu mgħixa mill-kultura li qed jindirizzaw.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Alla uriena lilu nnifsu permezz tal-inkarnazzjoni ta' Ibnu bħala bniedem, *fil-kultura ta' dak iż-żmien*, u l-istess aħna, bħala il-ġisem mistiku ta' Kristu, irridu ninserixxu lilna nfusna *fil-kultura li ngħixu fiha.*

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Jinħass il-bżonn li jiġu evalwati u rinnovati għal Knisja f'Malta llum – *għall-kultura ta' Malta llum*

*X'nifhmu b'*

# KOMUNJONI
# PARTEĊIPAZZJONI
# MISSJONI ?

Huma stil ta' ħajja. *Huma mappa għat-triq ta' kif il-Knisja tista' tiġġedded minn ġewwa.*

# Komunjoni – Min Aħna

Il-komunjoni tesprimi l-iktar verità profonda dwar il-Knisja: *li aħna poplu wieħed, xbiha tat-Trinità, u msaħħa mill-Ewkaristija.*

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

# Komunjoni – Min Aħna

Nħallu lill-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna flimkien; saċerdoti, reliġjużi u lajċi f'ġisem ħaj *fejn kull membru hu stmat.*

# Komunjoni – Min Aħna

Tfisser li nagħrfu li l-Ewkaristija li niċċelebraw l-Ħadd, *trid tifforma l-mod kif nitkellmu, kif nikkooperaw, kif immexxu u kif ngħixu.*

Jekk irridu nkunu Knisja mġedda, trid tibda b'relazzjonijiet mġedda.

## Komunjoni – Min Aħna

Din l-attitudni trid tikber kemm fl-entitajiet tagħna imma ukoll ***BEJN*** l-entitajiet tagħna.

# Parteċipazzjoni – Kif Ngħixu

Il-parteċipazzjoni tistedinna nerġgħu naħsbu l-mod *kif nieħdu d-deċiżjonijiet* u *kif inwettqu l-missjoni tal-Knisja.*

Il-parteċipazzjoni ġejja mill-Magħmudija. *Kull persuna mgħammda għandha doni mill-Ispirtu Santu.*

# Parteċipazzjoni – Kif Ngħixu

Dan ifisser *formazzjoni*, *fiduċja*, *delegazzjoni*, u *ambjent* fejn il-*kariżmi u d-doni ta' kull individwu jistgħu jiffjorixxu.*

L-Arċidjoċesi ta' Malta

# Parteċipazzjoni – Kif Ngħixu

Nrawwmu kultura fejn ir-responsabbiltajiet huma mqħejxa flimkien u fejn l-awtorità tiġi eżerċitata bħala servizz.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

## Parteċipazzjoni – Kif Ngħixu

Din it-tip ta' parteċipazzjoni ma sserraħx fuq votazzjoni jew ġbir ta' opinjonijiet. *Hija tfittxija kollettiva tar-rieda ta' Alla.*

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

## Parteċipazzjoni – Kif Nghixu

*Dan iwassal li kull membru mhux biss isemma leħnu, imma jimtela bil-ħeġġa għall-missjoni tal-Knisja.*

# Parteċipazzjoni – Kif Ngħixu

Il-parteċipazzjoni tfisser li jiena *naqdi dak li Alla sejjaħli għalih,* biex *titwettaq il-missjoni tiegħu fid-dinja* ***permezz tal-Knisja***

# Parteċipazzjoni – Kif Ngħixu

*Meta l-parteċipazzjoni tingħex tajjeb, il-Knisja ssir aktar* **ħajja**, **kreattiva**, *u* **awtentika** *u toħloq spazju fejn l-imgħammdin iħossuhom parti mill-proġett ta' Alla.*

L-Arċidjoċesi ta' Malta

# Missjoni - Għaliex Aħna Qegħdin Hawn

Il-missjoni hija *l-Knisja li toħroġ*. Hija r-raġuni għaliex jeżisti l-poplu ta' Alla. Knisja sinodali ma tħarisx biss lejha nnifisha; tħares lejn id-dinja, kif jgħidilna Papa Franġisku, bil-qalb ta' Kristu.

# Missjoni - Għaliex Aħna Qegħdin Hawn

Kull quddiesa tispiċċa bil-kliem,
*"Morru."*
Ma nibgħatux biss individwi - immorru flimkien

# Missjoni - Għaliex Aħna Qegħdin Hawn

*Kif se nwasslu s-sbuħija t'Alla lil kulħadd b'mod speċjali lil dawk li mhux qed jarawha fil-kultura u ċirkustanzi tal-lum?*

Il-mixja tilħaq il-qofol tagħha biċ-ċelebrazzjoni ta’ Sinodu Djoċesan.

Biex il-proċess jaħdem aħjar, hu *importanti li l-attitudni sinodali tkun diġà qed tiġi mgħixa fuq livell ta' entitatijiet tal-Knisja*, biex hekk il-Poplu t'Alla miġbur għal din l-esperjenza ta' Sinodu Djoċesan ikun **diġà mrawwen fl-attitudnijiet** meħtieġa, biex dan il-proċess iħalli l-frott mixtieq.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Għalhekk il-komunjoni, il-parteċipazzjoni u l-missjoni mhumiex tliet temi separati. *Huma viżjoni waħda.*

- Il-komunjoni hija ***l-pedament***: *poplu magħqud fi Kristu.*
- Il-parteċipazzjoni hija ***t-triq***: *komunità fejn kulħadd jaqsam ir-responsabbiltà għat-twettiq tal-missjoni tal-Knisja.*
- Il-missjoni hija ***l-għan***: *li Kristu jasal għand kulħadd.*

Tistedinna *nbiddlu* ċerti mudelli ta' kif noperaw, *nsaħħu* r-relazzjonijiet tagħna, u *nafdaw* fl-Ispirtu s-Santu li jaħdem fil-membri tal-Knisja, huma f'liema kategorija huma.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Il-Knisja li ssaħħaħ ***il-komunjoni*** ssir *familja*.

Il-Knisja li tgħix ***il-parteċipazzjoni*** ssir *ħajja*.

Il-Knisja li tħaddan *il-missjoni,* taqdi ***l-għan li Alla ħalaqha għalih***.

# Kif se jiġu attwati dawn it-temi?

L-ARĊIDJOĊESI
TA' MALTA

Mhux se tkun qed telenka sett ta' attivitajiet pastorali, imma se tkun qed titlob *tisħiħ u tiġdid fil-mod li l-Knisja tgħix il-ħajja pastorali tagħha, kif tidentifika l-oqsma li fihom trid taqdi, kif tippjana dan il-qadi, u kif tgħix din il-missjoni.*

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

1. ***L-ewwel pass:*** Evalwazzjoni tal-identità, tal-istrutturi ta' dixxerniment, tmexxija u eżekuzzjoni, l-inizjattivi u l-operat tal-entità individwali biex wieħed jeżamina jekk:

    a. Humiex awtentiċi mal-missjoni tal-Knisja illum, billi jirriflettu u jwasslu l-ethos kattoliku, u billi fuq kollox ikunu ispirati minn Alla u jżommu lil Alla fiċ-ċentru tagħhom (2C, 2E, 2H).

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

b. Jippromovux jew humiex esperjenza ta' komunjoni, parteċipazzjoni u koresponsabbiltà, bejn il-kategoriji kollha tal-membri tal-Knisja (1A, 1D, 2D).

c. Jekk għadhomx sostenibbli fil-kultura u ċ-ċirkustanzi tal-lum (1C).

L-evalwazzjoni meħtieġa mhux waħda li tieħu ritratt tas-sitwazzjoni u daqshekk, imma waħda li *tgħin fl-avvanz tal-istil ta' kif ngħixu aħjar il-komunjoni,* il-parteċipazzjoni u l-missjoni fil-Knisja.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

- **Manteniment** (maintenance): ftit attenzjoni biex jibqgħu jaħdmu tajjeb;
- **Restawr**: irkupru tal-awtenticità u tal-missjoni oriġinali u ritorn għall-valuri u l-għanijiet fundamentali, bil-għan li terġa' toħroġ is-sbuħija oriġinali tagħhom;
- **Ristrutturar jew rinnovar:** tibdil fl-istrutturi jew operat biex jindirizzaw il-bżonnijiet tal-lum, żewġ inizjattivi jingħaqdu flimkien.

**2. *It-tieni pass:*** il-membri tal-Knisja għandhom jidħlu fi proċess serju ta' formazzjoni  teoloġika, pastorali u spiritwali, biex dawn l-attitudnijiet li qed insemmu jkunu jistgħu jiġi mgħixa bl-aħjar mod possibbli.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

***3. It-tielet pass:*** importanza trid tingħata għal aktar integrazzjoni tal-lajċi, li twassal għat-tibdil tal-mudell preżenti ta' ħafna entitajiet li jiffunzjona primarjament permezz tal-ministri ordnati jew reliġjużi. (1F, 2F) (1A, 1D).

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*Nies iffurmati fil-qasam tal-ippjanar ekkleżjali u dixxerniment komunitarju se jkunu qed jakkumpanjaw lill-entitajiet u l-membri tat-tmexxija tagħhom f'dan il-proċess.*

# It-Tappi tal-Proċess

Sar *kwestjonarju* biex naraw minn fost il punti prinċipali identifikati b'dan il-mod, l-istakeholders tal-Knisja, liema jqisu bħala prijorità.

Issa il-fażi li jmiss se tkun dik li għall-ħmistax li ġejjin se nistennew xi *kummenti, suġġerimenti u feedback* addizzjonali tagħkom permezz tas-sit:

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

***pjanpastorali.knisja.mt***

Kull sena, **kull entità** *tissottometti rapport ta' dak li sar, u temenda l-pjan tagħha għas-sena jew sentejn li* ġejjien biex jirrifletti u jindirizza dejjem aktar il-bżonnijiet kif ikunu qed jiżvillupaw.

*Ikun żball jekk ma tingħatax opportunita biex il-pjan jiġi aġġornat kull sena,* għax dan ikun ifisser li l-evalwazzjoni mhux se tkun formattiva, għax m'għandniex l-opportunità li tidentifika fejn hemm bżonn tibdil, u tivverifika li dan it-tibdil qed isir u qed iħalli ir-riżultati mixtieqa.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

1. *Jinħass il-bżonn ta' **temi aktar prattiċi** minn dawk mibgħuta.*
2. ***X'bidla se naraw** fil-ħajja pastorali tal-Knisja llum?*
3. *Kif dawn it-temi se jkunu qed **jindirizzaw** il-problemi tal-lum u **jippreparawna** għal 15-il sena li ġejjin?*

1. *Jinħass il-bżonn ta' **temi aktar prattiċi** minn dawk mibgħuta.*

Jridu jsiru prattiċi wara l-proċess ta' dixxerniment *li se tagħmel kull entità*.

1. *Jinħass il-bżonn ta' **temi aktar prattiċi** minn dawk mibgħuta.*

Jridu jsiru prattiċi wara l-proċess ta' dixxerniment *li se tagħmel kull entità.*

***"ħa nkunu ċari, aħna mhux qed infittxu mod uniformi, mhux se niddettaw lil kull pajjiż hekk għandkom tagħmluha"***

1. *Jinħass il-bżonn ta' **temi aktar prattiċi** minn dawk mibgħuta.*

Jridu jsiru prattiċi wara l-proċess ta' dixxerniment *li se tagħmel kull entità.*

***"ħa nkunu ċari, aħna mhux qed infittxu mod uniformi, mhux se niddettaw lil kull pajjiż hekk għandkom tagħmluha"***

Għalhekk issa ***hi r-responsabbiltà ta' kulħadd***, b'assistenza fejn meħtieġ għal min qed isibha diffiċli – biex jidentifika strateġija pastorali prattika għall-implimentazzjoni ta' dawn l-attitudnijiet.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

2. ***X'bidla se naraw*** *fil-ħajja pastorali tal-Knisja llum?*

Permezz tal-ħafna kambjamenti żgħar inkunu qed ***nimxu l-pass il-quddiem*** li l-Mulej jridna nimxu u nippreparaw għal pass li jmiss.

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

3. *Kif dawn it-temi se jkunu qed* ***jindirizzaw*** *il-problemi tal-lum u* ***jippreparawna*** *għal 15-il sena li ġejjin?*

*l-Ispirtu s-Santu qed jurina li l-parteċipazzjoni fil-missjoni tal-Knisja mhijiex responsabbiltà biss tal-Kleru u r-reliġjużi, imma tal-poplu t'Alla kollu, kulħadd skont is-sejħa tiegħu.*

## Konklużjoni

*It-triq sinodali hija rigal min Alla u responsabbiltà afdata f'idejna –* il-Knisja. Tistedinna nġeddu il-mod li aħna Knisja, *nafdaw fl-Ispirtu li jaħdem fina u fl-oħrajn,* u ***nibnu komunitajiet fejn in-nies jiltaqgħu ma' Kristu permezz tagħna.***

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

## Konklużjoni

Attitudni trid ħafna aktar snin biex tidħol fil-kultura tal-Knisja b'mod li titħaddan awtomatikament fil-membri tagħha.

***Madankollu aħna msejħa biex nagħmlu il-pass li jmiss u nintelqu f'idejn Alla u nħalluh jmexxina hu.***

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

***pjanpastorali.knisja.mt***